*ILBIERAĦTLULA*—Insemmgħu *lbieraħtlura* għax meta fl-istess kelma (bħal f'*lula*) ikun hemm żewġ likwidi ta' l-istess leħen, waħda minnhom iktarx titbiddel f'likwida oħra (*lura*). Ikteb *ilbieraħtlula*, skond l-etimoloġija, u mhux *ilbieraħtlura*.

*ĦAL* (raħal)—Mhux imnissel minn *ħal* (stat) skond il-fehma tiegħi u ta' ħafna oħra. Lanqas minn *raħal*, kif ukoll jaħsbu ħafna oħra, fosthom Barbera. Fuq in-nisel ta' din il-kelma kien hemm korrispondenza bejn G. Vassallo, Dr. G. Micallef, il-Prof. Temi Zammit, ir-Rev. Dessoulavy u jien, fi "IL-MALTI" (1925-1925). Il-fehma ta' Ganni Vassallo, li *ħal* mhix ġejja minn *raħal* għax meta kelma tiqsar, iktarx tmur barra dik il-biċċa mill-kelma li mhix mgħobbija bl-aċċent, jien inżomm magħha. Hekk, f'*raħal* kienet tmur barra *ħal* u mhux *ra*. Il-kelma *ħal*, jew iktarx *ħall*, setgħet tnisslet, kif naħseb jien, mill-Għarbi *Aħâl* (pl. ta' *ahl*, familja), *arħâl* (pl. ta' *raħl*, dar żgħira, rħajjel), jew *maħâll* (pl. ta' *maħalla*—tribù, qabil). Jekk mill-plural *maħâll*, il-kelma jmissha tinkiteb *ħal* għax l-aċċent twil fil-Malti ma jeħux ħlief konsonanti waħda; jekk mis-singular *maħala* jmissha tinkiteb *ħal*.

*GIEH*—Skond l-etimoloġija tal-kelma hija *ġieh*. Ma tistax titħallat ma' *ġieh* magħmula minn *ġie+h*.

*MINĦABBA*—Naħseb li għandha tinkiteb *mħabba* u mhux *minħabba*. Il-kelma *mħabba* bil-partiċella *fi*, jew mingħajrha, tfisser "pour cause" "pour amour" (per causa, per motivo, per cagione, eċċ., owing, for the sake, eċċ.)

*MOĦĦHOM*—Għaikemm il-kelma hija magħmula minn *moħħ+hom*, jidhirli li wieħed jista' jiktibha *moħhom*, flok *moħħhom*, meta nafu li l-għerq tal-kelma *moħħ* hija *m-ħ* bit-tieni konsonanti mtennija, jiġifieri b'ħ imlissna b'ħoss imsaħħaħ (fil-Għarbi bit-*tixdid*) u dan il-ħoss imsaħħaħ jinxorob bl-assimilazzjoni tal-*h* tas-suffiss *hom*, fejn flok *ħħh*, *ħh* huma biżżejjed biex jagħtu l-leħen magħqud ta' *ħħ*. Fl-eżempji *tkellmu* u *ġarrfu*, il-konsonanti *llm*, *rrb* ma jingħaqdux f'leħen wieħed bħal fil-konsonanti *ħħh* li jagħtu l-leħen imwaħħad ta' *ħħ* u għalhekk il-proċess morfoloġiku u fonetiku fiż-żewġ kasijiet mhux identiku.

*ŻGUR* u *PIŻ*—Ir-regula hi li meta f'kelma mislufa minn ilsien ieħor konsonanti tbiddel il-leħen, il-konsonanti għandha tinkiteb skond dak il-leħen *kemm-il-darba* fl-inflessjoni tal-kelma, il-konsonanti tibqa' b'dak il-leħen. Eż: *gverta*, *gvieret* (minn *coperta*), iżda mbagħad *kvievet* u mhux *gvievet*, għax is-singular jagħmel *kavetta*. Hemm saħansitra radikali ta' kliem għarbi li fil-Malti, fuq hekk, jinkitbu bil-leħen *imbiddel* u mhux bil-leħen tar-radikali tal-kelma għarbija. Eż: *Ġuħ* u mhux *ġugħ*, għax ngħidu *mġewħin*; *belt* u mhux *beld* (balad) għax ingħidu *beltin*. L-*s* bejn żewġ vokali jew meta tmiss ma' konsonanti iebsa (voiced) titlissen bħal *ż*, iżda jiġi li xi wħud ilissnu bl-*s*. Hekk xi wħud ilissnu *pisijiet* u mhux *pIżijiet*, *kasijiet* u mhux *każijiet*. Tarġa' ħadd ma jlissen *każu*, iżda *kasu*. Eż.: *Ma tajtx kasu*. Iżda mbagħad dejjem ilissnu *żgur* u mhux *sgur*, ħlief meta ngħidu *sigur*. Fl-ortografija l-qadima nsibu li bosta mill-aħjar kittieba kienu jżommu l-*s* taljana, fosthom Ganni Vassallo.

*RSIR*—Għandha tinkiteb *lsir* għax ġejja minn *el-asir* fejn l-artiklu *l-* fil-Malti ngħaqad mal-kelma *asir* u saret *lsir*. Dan it-tagħqid ta' l-artiklu man-nom insibuh f'bosta kliem mill-Għarbi, mit-Taljan jew Sqalli, bħal *liżar* (*l-iżar*); *ltim* (*el-jatim*); *lamtu* (*l'amido*), eċċ.



Nagħlaq dawn in-noti b'daqsxejn ta' osservazzjoni u twissija lil xi wħud mill-kittieba żgħażagħ li donnhom qegħdin jinsiltu iżjed fuq xi rqaqat ta' uniformità fl-ortografija milli fuq il-għażla ta' kliem u l-kostruzzjoni ta' espressjonijiet li jiffurmaw il-qofol tal-letteratura maltija. Lil dawn ix-xorta ta' pedantiċi xtaqthom jifhmu illi kull ilsien miktub, fil-letteratura qadima jew moderna tiegħu, issiblu xi differenzi ċkejkna fl-ortografija ta' xi kliem, u l-lista ta' dawn hija hekk kbira li minnha tista' tgħaqqad daqsxejn ta' librett ġmielu. Johnson stess, l-imsemmi lessikografu Ingliż, gie li f'xi kitba tiegħu, fl-istess ktieb, l-istess kelma jiktibha b'ortografija differenti. Ċerta pedanterija ortografika, naħseb li tagħmel iżjed ħsara milli ġid, l-iktar f'letteratura bħalma hi tagħna li għadha tielgħa.

Tiegħek,

A. CREMONA.

## LAQGHA AKKADEMIKA

"Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għamlet Laqgħa Akkademika l-Ħadd, 29 ta' April, 1945, il-Mużew, il-Belt. Inqrat kitba mill-aħjar, poeżija u proża, li wriet ċar kemm l-Ilsien Malti qed jikber u jistagħna. Fil-poeżija, rajna li l-poeti tagħna qed jinġibdu sħiħ lejn it-tifsila u x-xejra moderna ta' din il-fergħa tal-letteratura. Żgur li l-poeżija tagħhom tista' titqiegħed fil-wisa' ħdejn il-poeżija kontemporaneja ta' pajjiżi barranin. Fil-proża wkoll niltaqgħu ma' qawwa ta' idijat, ġmiel ta' xbihat, tpittir sabiħ ta' deskrizzjonijiet, u studji maħdumin bir-reqqa sew fuq xjenza kemm ukoll fuq storja.

Din kienet il-kitba li nqrat:

**POEŻIJA:**

| | |
|---|---|
| Dr. Rużar Briffa, B.Sc., M.D.: | **Il-Kotra u Jiena.** |
| Ant. Cremona: | **Soru.** |
| Patri Ġ. Delia, S.J.: | **Taħbit il-Qalb.** |
| Ġużè' Chetcuti: | **Iż-Żifna tal-Mewt, u Tweiid.** |
| Victor Apap: | **Mingħajr Ulied.** |
| Dr. Ant. Buttigieg, LL.D.: | **Il-Wied ta' l-Isperanza.** |
| Patri Valent. Barbara, O.P.: | **Ir-Rebbiegħa.** |
| Marju Agius: | **Qawsalla.** |

**PROŻA:**

| | |
|---|---|
| Godfrey Zarb Adami: | **It-Trattat tal-Paċi.** |
| Ġużè' Ellul: | **Il-Għerf tal-Lum.** |
| Walter Zahra: | **L-Ewwel Taqsima minn Rumanz.** |
| Dr. Ġużè' Galea, M.D., D.P.H.: | **Il-Frawli għat-Tfal.** |